Il-Mużew Wignacourt huwa bini stil barokk li kien jintuża biex jospita l-Fondazzjoni Wignacourt imwaqqfa mill-Granmastru Alof de Wignacourt u kien kunvent għall-kanonki tal-Grotta ta' San Pawl. Fih hemm pitturi imprezzabbli u oġġetti tad-deheb u l-fidda. Għandu katakombi u xelters tal-gwerra. Wara l-mawra nżuru l-esebizzjoni mtellgħa bħala parti mill-festival.

## Is-Sitt Attività Kulturali

### Napprezzaw l-Għasel Malti: lil hinn mit-togħma ħelwa tiegħu, x'inhuma l-vantaġġi tiegħu? Kif u għaliex in-naħal Malti huwa mhedded?

Tip ta' Attività: Taħdita ta' 45 minuta minn Ray Sciberras produttur tal-għasel Malti tal-kumpanija tiegħu "Honey and more". Ser ikun hemm ukoll esebizzjoni dwar il-kultivazzjoni tan-naħal f'Malta, il-proċess tal-għasel u l-bejgħ tal-għasel Malti.

Data: Il-Ħadd 16 ta' Frar 2020 mil-11 ta' filgħodu sa nofsinhar.

Post: Il-Mużew Wignacourt

Għal din it-taħdita l-pubbliku huwa mistieden. Wara, ser ikun hemm mawra madwar il-Mużew Wignacourt.

BOV Bank of Valletta

Mużew Wignacourt

CORINTHIA GROUP

The Janatha Stubbs Foundation

Kunsill Lokali Ir-Rabat

Golden Island®

ABERTAX®

Malta School of Flying

MALTA WINGS

MINISTERU GĦALL-FINANZI GOOD CAUSES FUND

Hajr lin-Nutar Tony Abela u ibnu Sam Abela, u Daylight Ironmongery ta` Triq San Bastjan, Ħal-Qormi.

Bestprint Co. Ltd, Qrendi • Tel: 21 680 789

## Kunċert orkestrali b'esperjenza awdjo-viżiva



**Mill-Avukat Mark Fenech Vella LL.D**
*President tal-Fondazzjoni Paulus*

Bi pjaċir il-Fondazzjoni Paulus tħabbar li l-Agape Festival li torganizza fl-okkażjoni tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta` San Pawl f'Malta, ser ikun esegwit mill-Orkestra Filarmonika ta` Malta li matulu, minflok li bħas-soltu jkollna l-parteċipazzjoni tal-Kor Jubilate Deo jew kantanti solisti stabbiliti, għall-ewwel darba ser ikollu esperjenza awdjo-viżiva għaliex ma` kull xogħol mużikali ser ikollu filmat b'tema u messaġġ kulturali jew spiritwali li jakkumpanja kull silta mużikali.

Dan qed nagħmluh sabiex invarjaw, inkunu innovattivi u nwasslu l-messaġġi kemm permezz tal-mużika kif ukoll permezz ta' filmati biex b'hekk il-kunċert ikun ukoll esperjenza kulturali u spritwali waqt li jesponi primarjament ix-xogħlijiet tal-kompożituri Maltin, tal-passat u tal-preżent.

Dawn il-filmati ser jintwerew fuq 'screen' kbir HD ta` madwar 300 ċentimetru. Ħlief għal filmat wieħed li ġentilment ser jingħatalna mill-Life Network Malta u li ser ikollu t-tema tal-ħajja u allura b'messaġġi kontra l-abort u l-ewtanasja, il-filmati saru kollha fuq inizjattiva tal-Fondazzjoni Paulus fuq ideat u koordinazzjoni tiegħi. Dan kollu jfisser spejjeż u dedikazzjoni ta` ħin.

Bħal kull sena, l-Festival AGAPE jikkonsisti f'numru ta` attivitajiet kulturali li għandhom l-għan li jesponu l-Identità Maltija u l-Kult Pawlin, l-arti u l-kultura Kristjana fiż-żmien tal-festi liturġiċi tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta` San Pawl f'Malta madwar il-post sinonimu mal-Kristjaniżmu f'Malta: is-Santwarju-Grotta ta` San Pawl li hija l-benniena tal-Kristjaniżmu f'Malta. Inħeġġiġkom li tattendu u tipparteċipaw. L-attivitajiet huma b'xejn u ta` livell għoli.

Il-Fondazzjoni Paulus hija kburija li fiż-żmien tal-festi liturġiċi tal-Konverżjoni u In-Nawfraġju ta` San Pawl, b'dawn l-attivitajiet kulturali fir-Rabat imliet vojt li qabel ħafna minna konna nħossu. Fil-waqt li l-festa titulari jixraq li tkompli tiġi ċċelebrata bil-mod li hi, mill-banda l-oħra dawn il-festi liturġiċi Pawlini f'dan iż-żmien kiesaħ tas-sena jixirqilhom mhux biss ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Kolleġġjata tagħna kif kien isir sa mill-eqdem żminijiet, imma ukoll Festival li jiċċelebrahom waqt li jgħinuna niskopru l-kult Pawlin f'Malta.

Li nkunu nafu l-istorja u l-patrimonju tagħna, jgħinna ngħarfu min aħna u napprezzaw x'nipposjedu. Eżempju wieħed ta` li qed ngħid huwa t-taħdita fuq in-Nawfraġju ta` San Pawl ta' nhar is-Sibt 8 ta` Frar fis-7.15pm minn Mark Gatt fil-knisja ta` San Publiju li tinsab fuq il-Grotta ta` San Pawl. Sakemm niltaqgħu, awguri u tislijiet.

# RABAT *AGAPE* FESTIVAL 2020

(It-tmien Edizzjoni)

Festival ta' Arti u Kultura Kristjana fir-Rabat ta' Malta, l-identità Maltija, il-patrimonju Rabti u l-Kult Pawlin f'Malta



Bejn l-24 ta' Jannar u s-16 ta' Frar 2020
Fl-okkażjoni
tal-Festi tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta
www.fondazzjonipaulus.org

# PROGRAMM

## Rabat AGAPE Festival (Jannar – Frar 2020)

### Il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2020 – Festa liturġika tal-Konverżjoni ta' San Pawl

Quddiesa Solenni mill-Arċipriet u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata fis-6 ta' filgħaxija ġewwa l-Proto-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl ir-Rabat. Janima l-Kor Salve Sancte Paule mmexxi mill-choirmistress tal-istess kor Charlene Portelli.
Il-Bord tal-Amministraturi tal-Fondazzjoni Paulus u l-ħbieb tal-Fondazzjoni Paulus ser jattendu għall-quddiesa.

## L-Ewwel Attività Kulturali

### Kunċert orkestrali b'esperjenza awdjoviżiva ġewwa l-Proto-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl ir-Rabat

| | |
|---|---|
| Data: | 31 ta' Jannar 2020 fis-7.30 ta' filgħaxija |
| Post: | Il-Proto-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta |
| Orkestra: | L-Orkestra Filarmonika ta' Malta |
| | Dħul b'xejn u l-pubbliku huwa mistieden |

Ir-repertorju tal-Kunċert orkestrali huwa magħmul minn kompożituri barranin u Maltin tal-passat u tal-preżent. Il-kunċert ser ikun esegwit mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta magħmula minn 35 mużiċist taħt id-direzzjoni ta' Christopher Muscat li huwa d-direttur mużikali tal-Fondazzjoni Paulus. Kull silta mużikali ser ikollha filmat b'messaġġ.

Ir-repertorju tal-kunċert ta' siegħa ser ikun kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Agostino Nani | *Sinfonia in Do* | 5'00" |
| Ralph Vaughan Williams | *Fantasia on Greensleeves* | 10'00" |
| Christopher Muscat | *Extase* | 7'00" |
| John Rutter | *Five Meditations for Orchestra*<br>Arranged from sacred works (2003)<br>I. What Sweeter Music<br>II. Blow, blow, thou winter wind<br>III. Candlelight<br>IV. Lord, make me an instrument of thy peace<br>V. The Lord bless you and keep you. | 18'00" |
| Joseph Vella | *Sarabande* | 5'30" |
| Maurice Ravel | *Pavane pour une infante défunte* | 7'00" |
| Filip Oleyka | "The Last Words"<br>"The Passion" from *Paul, Apostle of Christ* | 7'00" |

Il-kunċert ser ikun irrekordjat biex jixxandar fuq it-televiżjoni nazzjonali Malti TVM2 matul il-Ġimgħa Mqaddsa.

## It-Tieni Attività Kulturali

**Mawra bi gwida:** Il-Proto-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta, il-Mużew Wignacourt, il-Katakombi ta' San Katald, il-Grotta ta' San Pawl u l-Kumpless.

Data: Is-Sibt 1 ta' Frar, fl-10.15 ta' filgħodu sa nofsinhar. Bħala post niltaqgħu fl-intrata tal-Mużew Wignacourt.

Il-Mużew Wignacourt huwa bini stil barokk li kien jintuża biex jospita l-Fondazzjoni Wignacourt imwaqqfa mill-Granmastru Alof de Wignacourt u kien kunvent għall-kanonki tal-Grotta ta' San Pawl. Fih hemm pitturi imprezzabbli u oġġetti tad-deheb u l-fidda. Għandu katakombi u xelters tal-gwerra. Wara l-mawra nżuru l-esebizzjoni mtellgħa bħala parti mill-festival.

## It-Tielet Attività Kulturali

### L-inawgurazzjoni ta' esebizzjoni tal-arti b'kollaborazzjoni mal-Pastel Society of Malta

| | |
|---|---|
| Data: | Is-Sibt 8 ta' Frar 2020 |
| Post: | Il-kjostru t'isfel ġewwa il-Mużew ta'Wignacourt, Ir-Rabat, Malta |
| Ħin: | Fis-6 ta' filgħaxija |

L-esebizzjoni ser tibqa' miftuħa għal ġimagħtejn u d-dħul għall-pubbliku huwa b'xejn. Tibqa' miftuħa kuljum mid-9 ta' filgħodu sal-5 ta' filgħaxija.
L-għan ta'din l-esebizzjoni hija biex l-artisti Maltin juru t-talent artistiku tagħhom.
L-esebizzjoni ser tibda b' "coffee break".

## Ir-Raba' Attività Kulturali

### Taħdita storika:- *Lil hinn mill-fatti li nstabu fl-Atti tal-Appostli, x'evidenza u provi għandna li n-Nawfraġju ta' San Pawl sar f'Malta?*

| | |
|---|---|
| Attività: | Taħdita minn Mark Gatt<br>– l-awtur tal-ktieb "Paulus – The Shipwreck" |
| Data: | Is-Sibt 8 ta' Frar fis-7.15 ta' filgħaxija |
| Post: | Il-Knisja ta' San Publiju (ħdejn il-Knisja ta' San Pawl),<br>ir-Rabat, Malta |

F'din it-taħdita ta' siegħa Mark Gatt ser jitkellem fid-dettall tad-deċiżjoni meħuda mill-kaptan u l-ekwipaġġ tal-vapur, kif irnexxielhom jibqgħu f'wiċċ il-baħar imqalleb ġranet sħaħ f'maltempata qalila, irjiħat qawwija u dettalji oħra msemmija fl-Atti tal-Appostli, dettalji ġeografiċi u fatti rilevanti oħra. L-għan tat-taħdita hija biex teżamina dawn il-fatti.
Mark Gatt ser jitkellem ukoll fuq il-postijiet tan-nawfraġju proposti matul is-snin u ser iqabbel dawn mal-oġġetti skoperti f'qiegħ il-baħar u fuq l-art, man-narrattiv tal-Atti tal-Appostli.
Il-pubbliku huwa mistieden.

### L-10 ta' Frar, 2020 – Festa tan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta

Quddiesa Solenni mill-Arċipriet u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata fid-9 ta' filgħodu ġewwa l-Proto-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta. Wara jkun hemm talb fil-Grotta ta' San Pawl. Janima l-Kor Salve Sancte Paule mmexxi mid-direttur tal-kor Charlene Portelli.
Il-Bord tal-Amministraturi tal-Fondazzjoni Paulus u l-ħbieb tal-Fondazzjoni Paulus ser jattendu għall-quddiesa. Il-pubbliku huwa mħeġġeġ jattendi.

## Il-Ħames Attività Kulturali

**Mawra bi gwida:** Il-Proto-Parroċċa u Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta, il-Mużew Wignacourt, il-Katakombi ta' San Katald, il-Grotta ta' San Pawl u l-Kumpless.

Data: It-Tnejn 10 ta' Frar (festa pubblika) fl-10.15 ta' filgħodu sa nofsinhar. Bħala post niltaqgħu fl-intrata tal-Mużew Wignacourt.